MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2008

Numru 10/2007

**Francesca Saveria Borg**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Ottubru, 2007, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Direttur permezz ta' l-ittra tas-6 ta' Gunju 2005 fejn ikkonferma ir-rata ta' pensjoni li Borg kienet tircevi f' dik id-data u cahad it-talba taghha li thallas il-kontribuzzjonijiet pendenti.
>
> Ra l-appell taghha prezentat b' ittra ta' l-Avukat taghha ta' l-24 ta' Gunju 2005 fejn talab li l-

appellanti tinghata l-pensjoni shiha wara li tithalla thallas il-kontribuzzjonijiet li ma kienux imhallsa.

Ra wkoll appell iehor li sar permezz ta' ittra ta' avukat differenti tat-30 ta' Gunju 2005 u li jirreferi ghall-istess decizjoni tad-Direttur tas-6 ta' Gunju 2005, u li jikkonkludi li; "dan l-appell qed isir minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe dritt u/jew pretensjoni illi l-klijenta tieghi ghandha fir-rigward ta' l-impjieg fis-Servizz Pubbliku li nbeda f’ Ottubru 1963.

L-appellanti ghalqet is-sittin sena fit-3 ta' Jannar 2002 u f’ ittra spjegattiva separata taghmel riferenza ghal ittra li kien kitbilha d-Direttur fil-25 ta' Awissu 2003 u li minnha, hija tikkontendi li wiehed ghandu jifhem li; "I went several times to the social security authorities before the 25th August 2005 to pay outstanding social security contributions so that I be given a full pension:' ziedet tghid li, "it is to be noted that the ex-gratia pension granted me was never accepted by me. Other demands for a pension were tentative".

Id-Dipartiment isostni li sakemm ghalqet is-sittin Borg kellha l-possibilita' li thallas l-arretrati ta’ kontribuzzjonijiet li ma jmorrux lura aktar minn hames snin minn dik id-data; ma jirrezultax li ghamlet talba simili qabel l-imsemmija data.

Id-difensuri ta' Borg issottomettew li fl-ittra tal-25 ta' Awissu d-Direttur kien talabha kopja tad-decizjoni tal-Public Services Commission biex ikun jista' jiddeciedi l-kaz taghha. Gie spjegat min-naha tad-Dipartiment li peress li l-appellanti kienet tressqet quddiem il-PSC, id-decizjoni kienet tinfluenza t-talba; dan ghaliex jekk is-sentenza tkun favur taghha l-bolol neqsin jigu mhallsa mill-Gvern u ghalhekk kien ikollha dritt ghal pensjoni shiha; altrimenti l-konteggi ghal pensjoni jkunu bil-kontribuzzjonijiet nieqsa.

Dan jispjega li, nonostante n-nuqqas fil-hlas tal-kontribuzzjonijiet, id-Direttur kien jiehu decizjoni li jhallasha l-pensjoni shiha fl-eventwalita' li hija tirbah il-kaz. Ghalhekk talab lill-appellanti biex taghtih kopja tad-decizjoni "to decide your case".

Mill-atti disponibbli l-Arbitru jifhem li ma giex pruvat li hija, qabel it-3 ta' Jannar 2002, qatt ghamel talba biex tinghata l-possibilta` li thallas il-kontribuzzjonijiet li kienu ghadhom ma thallsux; ghalkemm l-Arbitru ma jaqbilx li l-oneru tal-prova li ma kienitx, saret talba simili kien jinkombi fuq id-Dipartiment, kif indikat mill-legali tal-appellanti, id-Dipartiment kellu jipproduci l-file biex jigi ezaminat mill-Arbitru. Dan sar waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 2005.

L-imsemmija ittra tad-Direttur ma twassalx biex turi li l-appellanti kienet ghamlet kif rikjest mil-ligi ghal dan il-hlas, ghalkemm tipprova li l-appellanti kienet marret diversi drabi titkellem ma' ufficjali tad-Dipartiment u, mill-process jidher li anki gew lilha suggeriti toroq ohra li setghu jibbenefikaw lil Borg. Wahda mill-impjegati spjegat li; "giet aktar minn darba, kemm 'il darba, u probabbli peress li wara li nhadmitilha l-pensjoni irrezulta li kellha pensjoni baxxa, jiena bhala District Manager tajtha parir li napplikaw ghal Pensjoni mhux Kontributorja"; kompliet tghid li; "tajtha l-applikazzjoni biex tiffirmaha u spjegajtilha x'inhi". Irid jigi pero' nnotat li d-District Manager involuta bdiet f' dak l-ufficcju fi Frar 2002, jigifieri meta l-appellanti kienet gia` ghalqet is-sittin sena.

Waqt il-provi l-appellanti ipprezentat "certified true copy from the Department's Computer records" li jindika kontribuzzjonijiet ta' kull gimgha ghal hames snin bejn in-1997 sa l-2001; dan seta' jaghti wiehed x' jifhem li ghal dawk is-snin kien sar il-hlas. Id-Dipartiment osserva pero` li biswit dawk il-figuri kien hemm l-ittra "N" u spjega li dik tfisser li dik id-'data' kienet "not verified" u kienu aktarx

iddahhlu biss bhala ipotesi meta kien qed jigi konsidrat x' kienet tkun il-pozizzjoni ta’ l-appellanti kieku thallsu dawk il-kontribuzzjonijiet. Barra minn din l-ispjegazzjoni irid jigi nnotat li l-appellanti kostantement tinsisti li hija kienet talbet biex tithalla thallas l-arretrati u imkien ma qalet li kienet hallset ghal dawk is-snin; ghalhekk dak id-dokument ma jistax jittiehed bhala indikazzjoni li l-kontribuzzjonijiet ghal dawk il-hames snin kienu gew imhallsa.

Ghalkemm l-appellanti fis-seduta ta’ l-1 ta' Dicembru 2005 talbet li tipproduci x-xhieda taghha permezz ta’ affidavit u din it-talba giet milqugha, hija ma pprezentatx dan id-dokument u fl-ahhar seduta tat ix-xhieda taghha viva voce.

Dan kien wara li skond ma jidher mill-verbal tas-seduta tal-25 ta' Lulju 2006, l-Arbitru li kienet qed tisma' l-kaz iddecidiet li tastjeni milli tkompli tisma' l-appell u ordnat li l-istess appell jigi riappuntat quddiem Arbitru iehor ; oltre dak kontenut fil-verbal imsemmi, l-appellanti kitbet ittra fl-istess gurnata biex ikun hemm ir-rizenja ta’ l-Arbitru originali.

Biex tigi evitata kull oggezzjoni ohra l-Arbitru originali astjeniet milli tkompli tisma' il-kaz. Meta l-appell tkompla mill-Arbitru sottoskritt giet fissata seduta esklusivament biex jinstema' dan il-kaz; f’ din is-seduta twila saru id-domandi li kienu jonqsu, u d-Dipartiment u l-Avukat ta’ l-appellanti kif ukoll l-istess appellanti, ghamlu is-sottomissjonijiet esawrjeti taghhom u l-istess Avukat gie awtorizzat jipprezenta nota bis-sottomissjonijiet finali ta’ l-appellanti.

Wara li ntlaqghet t-talba ghall-estensjoni tat-terminu, l-Avukat Dr. J. Zammit ipprezenta nota ta’ l-osservazzjonijiet fejn ghamel riferenza ghad-diversi drabi li l-appellanti "kienet ilha zmien twil issegwi mad-Dipartiment ir-rikjesta taghha ghall-

pensjoni": dan il-fatt ma giex michud mid-Dipartiment li wkoll spjega kif talabha ggib id-decizjoni tal-Public Service Commission peress li kieku din kienet favorevoli ghall-appellanti, il-pozizzjoni taghha kienet tkun ghal kollox differenti.

Fl-istess nota d-difensur irrileva li t-talba taghha ma setghetx tkun tardiva ghaliex l-appellanti setghet taghmel talba simili sa kemm taghlaq il-65 sena; jidher pero' li fic-cirkostanzi taghha setghet biss titlob sa meta taghlaq is-sittin sena.

Dwar l-interess li Francesca Saveria Borg uriet fil-kaz taghha li gie wkoll enfasizzat fl-imsemmija nota, ma jidhirx li hemm ebda cahda. Irrezulta li kienet tmur titkellem fl-istess zmien ma' diversi ufficjali separatament dejjem fuq l-istess kaz; wiehed minnhom xehed li; "kien hemm okkazjonijiet fejn kienet tigi ghandi minn tlieta sa erba' darbiet fil-gimgha". Dawn l-ufficjali kienu wkoll jafu li hija kienet issemmi li kellha kaz pendenti quddiem il-PSC.

Id-difensur fl-istess nota accenna ghal *print out* fuq il-computer tad-Dipartiment li juri li l-appellanti kienet hallset il-kontribuzzjonijiet bejn is-sena 1997 u s-sena 2001, izda ma ntqalx li dawn kienu effettivament thallsu; id-Dipartiment isostni li dak l-*input* kien gie effettwat biss waqt li kienu jsiru kalkolazzjonijiet dwar x' kienet il-posizzjoni taghha kieku saru il-pagamenti f’ waqthom - fatt li l-appellanti qatt ma allegat jew ikkonfermat.

Ghandu jigi nnotat li fl-istess data meta giet prezentata n-nota ta’ l-osservazzjonijiet minn Dr. Zammit l-appellanti personalment u separatament ipprezentat ittra u fiha allegat li; "on the 25th July 2006 Dr. J. Zammit (l-istess wiehed li kien ipprezenta l-imsemmija nota ta’ l-eccezzjonijiet) kept silent for as long as I was in the room". F' din l-ittra l-appellanti kkritikat ukoll l-izmorfji li qalet li

kien ghamel avukat iehor taghha Dr. Tonio Azzopardi.

Nonostante l-prezentata ta’ l-imsemmija nota ta’ l-osservazzjonijiet finali prezentat mill-Avukat Zammit, l-appellanti baqghet tmur spiss u regolarment fl-ufficcju ta’ l-Arbitru, u anki tibghat ittri u tressaq dokumenti ripetuti u estensivi. Fit-8 ta' Awissu 2007 ipprezentat ittra twila flimkien ma' kopja ta’ ittri u verbali; f’ din l-ittra qalet li trid li jinstemghu erba' xhieda ohra fosthom il-Professur Edwin Borg Costanzi, li kien fil-PSC, kif ukoll lic-Chairman attwali.

Hdax il-gurnata wara kitbet ittra ohra itwal minn ta’ qabel, fejn talbet li jinstemghu xhieda ohra fosthom il-President tal-Repubblika kif ukoll il-Prim Ministru u l-Kap tal-Opposizzjoni dwar il-hatra tal-Professur Borg Costanzi, peress li hija kienet biex jitnehha mill-kariga tieghu. F'din l-ittra l-appellanti stqarret ukoll li "I reserve the copyright of all submissions for case 361 of 2005". Flimkien ma' din it-tieni ittra l-appellanti regghet annettiet l-istess dokumenti li kienet baghtet ma’ l-ittra taghha ta' hdax il-gurnata qabel.

Inoltre l-appellanti pprezentat inkartament voluminuz maghluq u mdawwar bit-tape b'erba ritratti ta' San Piju ta' Petralcina fuq quddiem; Meta fetah dan l-inkartament l-Arbitru sab *lever arch* u fih mal-140 fullscap shah miktuba mill-appellanti dwar il-punti kollha li kienu relativi ghal kaz, flimkien ma' mijiet ta' kopji ta' ittri u dokumenti. Dawn kienu fis-sustanza jirrepetu dak li kien gia' intqal fil-process u waqt it-trattazzjonijiet esawrjenti.

Il-fatti rilevanti li ghandhom jiggwidaw dan l-appell huma piuttost cari u ghalkemm l-appellanti ghaddiet hafna zmien biex tirrepeti dak li bhala fatt ma kienx jinhtieg tant insistenza, naqset li tipprova li ghamlet it-talba taghha ghal hlas fiz-zmien

> stabbilit fil-ligi. Mir-rizultanzi processwali ma jirrezultax li Francesca Saveria Borg ghamlet talba biex thallas il-kontribuzzjonijiet li kienu ghadhom pendenti a tenur tal-Artikolu 116 (5) (ii) tal-Kap. 318 qabel lahqet l-eta` ta' sittin sena u allura kwalsiasi talba li setghet ghamlet wara din id-data ma setghetx tigi milqugha. Dan iwassal lill-Arbitru ghal fehma li d-decizjoni tad-Direttur tas-16 ta' Awissu 2005 kienet gustifikata u dan l-appell ghandu jigi respint.**”**

Ir-rikorrenti pprocediet quddiem din il-Qorti biex tressaq dawn l-ilmenti fil-kontestazzjoni tad-decizjoni ta’ l-Arbitru:

(1) L-applikazzjoni taghha biex thallas l-arretrati tal-kontribuzzjonijiet ma kienetx tardiva ghaliex din saret meta ma kienetx ghadha lahqet l-eta` pensjonabbli ta’ 65 sena;

(2) La d-Dipartiment kien gja beda jitratta l-kaz taghha fl-2003, kien hemm da parti tieghu rinunzja ghal kwalsiasi terminu preskrittiv;

(3) L-Arbitru ma ppronunzjax ruhu fuq l-estratt mir-“*records*” ghal skop ta’ kalkolu tal-pensjoni esebit mid-Dipartiment;

(4) Hemm, imbaghad, il-fatt tan-nota datata 2 ta’ Gunju 2005 ffirmata minn ufficjal tad-Dipartiment li timplika illi jekk hi thallas il-kontribuzzjonijiet kienet tkun intitolata ghal “*4th rate of retirement pension*”;

F’ materja ta’ intitolar ghall-pensjoni ghal min jirtira jezisti l-principju indiskutibilment fundamentali illi biex persuna tikkwalifika ghal tali pensjoni hi trid tissodisfa certi rekwiziti dettati mil-ligi. *Inter alia,* u skond l-Artikolu 44 ta’ l-Att dwar is-Sigurta` Socjali, li fid-data ta’ meta tirtira tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet ta’ kontribuzzjonijiet rilevanti. Tinsorgi ghalhekk il-mistoqsija jekk f’ dan il-kaz l-appellanti kienetx fiz-zmien ta’ l-irtirar taghha ssodisfatx

dan l-element hekk baziku ghal konsegwiment tal-pensjoni aspettata minnha;

Il-fatti ma jidhrux in kontestazzjoni u mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod tirriproducihom, anke ghaliex dawn jidhru sew esposti fis-sentenza appellata. Tillimita ruhha ghall-osservazzjoni illi l-appellanti lahqet l-eta` ta’ 60 sena fit-3 ta’ Jannar 2002, anke jekk, kif sottomess minnha, ma kienetx ghadha ghalqet l-eta` ta’ 65 sena. Dan naturalment tghidu biex taghmel il-qaghda taghha tirrientra fid-definizzjoni ta’ l-espressjoni “eta` tal-pensjoni” fl-Artikolu 2 ta’ l-Att. Hemm qbil ukoll illi l-appellanti applikat ghal pensjoni fil-25 ta’ Lulju 2003, jigifieri sena u nofs wara li kienet ghalqet l-eta` ta’ 60 sena;

Il-Qorti jidhrilha li ghandha tibda biex tirrepeti l-ovvju. Jigifieri, li wiehed irid jara biss dak li l-ligi tghid car. Dejjem fil-parametri tad-definizzjoni tal-ligi fl-istat attwali taghha l-eta` tal-pensjoni fil-kaz ta’ mara mwielda fil-31 ta’ Dicembru, 1951 jew qabel, l-eta` tal-pensjoni tkun sittin sena. Certament, allura fil-kaz ta’ l-appellanti l-eta` ta’ l-irtirar taghha kien dak ta’ 60 sena u mhux ta’ 65 sena. Ikollu jinghad illi dan hu hekk indipendentement minn jekk l-appellanti kienetx f’ dak il-mument “persuna li timpjega lilha nnifisha” jew “persuna li tahdem ghaliha nnifisha”. Anzi la jirrizulta li l-appellanti la kienet “self-employed” u lanqas f” impjieg assigurabbli meta rtirat, l-eta` ta’ l-irtirar ghall-iskop tal-ligi ma setghetx kienet hlief dik ta’ 60 sena. Il-kliem tal-ligi hu wisq car kontra t-tezi ta’ l-appellanti. Din ma setghetx, kif hekk pretiz minnha, thallas il-kontribuzzjonijiet li ma kienetx hallset qabel iz-zmien ta’ l-irtirar taghha;

F’ kaz li ghandu xebh qawwi ma’ dak tal-kaz prezenti l-Qorti ta’ l-Appell, kolleggjalment komposta, kellha dan x’ tikkummenta:-

“Stabbilita d-data ta’ l-irtirar ta’ l-appellanti li bil-ligi ma tistax tkun hlief dik ta’ 60 sena u stabbilit li f’ dik id-

data hi ma kienetx tissodisfa l-kondizzjonijiet tal-kontribuzzjonijiet rilevanti tant li hi stess, *ex admissis*, qed titlob li tigi moghtija l-opportunita` illi tirregolarizza l-posizzjoni u tikkonforma ruhha ma' dawk il-kondizzjonijiet billi thallas il-kontribuzzjonijiet li kienu neqsin, din il-Qorti ma tistax tara kif l-appellanti tista' koerentement issostni illi hi ssodisfat ir-rekwiziti *sine qua non* biex tikkwalifika bhala persuna li ghandha dritt ghall-pensjoni minnha pretiza" ("**Phyllis Cassar Naudi -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 17 ta' Awissu, 2000);

Din il-Qorti kif presjeduta pjenament tikkonkorda ma' dan ir-ragonament, anke ghaliex il-ligi ma tistax tigi interpretata bil-mod kif sostanzjalment tinterpretaha l-appellanti. Anzi, jista' jizdied, illi lanqas seta' d-Direttur, u l-Arbitru warajh, jezercitaw f' kaz bhal dan xi poter diskrezzjonali ghaliex id-dicitura tad-disposizzjonijiet taht il-Kapitolu 318, partikolarment l-Artikolu 116 (5) (ii) applikabbli ghal qaghda pekuljari bhal din ta' l-appellanti, ma kienux jaghtuhom is-setgha diskrezzjonali li jesorbitaw mill-istess limiti stretti imposti mil-ligi. L-ewwel aggravju hu, ghaldaqstant, insostenibbli;

Kwantu ghall-aggravji l-ohra, li jistghu facilment jigu kkonsidrati flimkien, din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) Il-fatt li d-Dipartiment kien fl-2003 qed jistharreg il-kaz ta' l-appellanti u jaghmel certu kalkolu, ma ghandux remotament tingibed minnu xi kongettura illi b' daqshekk id-Direttur appellat kien qed jabdika xi drittijiet Dipartimentali u fil-qafas tal-ligi ghaf-favur ta' l-appellanti. Jekk f' dak il-mument ta' zmien kien qed isir dak il-kalkolu wiehed necessarjament, u logikament, jifhem li dan kien qed isir bhala parti mill-ezercizzju ferm rakkomandabbli ta' dik il-"*customer care*" ghal liema l-kontribwenti jasipraw. Certament, minn dan ma tista' tigi dezunta ebda rinunzja li, wara kollox, kif pacifikament akkolta, hi dejjem *di stretto diritto* u ghandha tirrizulta minn fatt jew fatti inkonciljabbli

mal-konservazzjoni tad-dritt. Ara fost ohrajn **Kollez. Vol. XXXVI P I p 343**;

(2) Mill-atti tirrizulta spjegazzjoni cara (ara deposizzjoni ta' Adrian Attard a fol. 36) illi dawk ir-*records*, ghal liema tirreferi l-appellanti, saru ghal skop ta' "*tentative assessment*". Xejn aktar minn dan. Fiz-zgur ma jikkostitwux prova u certezza ta' hlas. Dan hu wara kollox accettat ukoll mill-appellanti fejn din tghid fix-xhieda taghha a fol. 38 illi l-kalkoli dipartimentali saru bhala "*tentative pension*" biex ikun stabbilit kemm kienet tkun intitolata tircievi l-appellanti. Ragonevolment, dan fil-prattika jsir dejjem;

(3) Jinghad x' jinghad fin-Nota ta' l-ufficcjali dipartimentali Monica Pace, ghal liema tirreferi l-appellanti bl-ahhar ilment taghha, hu fatt illi meta l-kwestjoni tibqa', kif ghandu jkun, limitata fit-termini tal-mertu ta' dan il-kaz, ghandu jirrizulta illi r-realta` hi dik li l-appellanti ma kienetx applikat biex thallas il-kontribuzjonijiet arretrati kif hekk mil-ligi preskritt. U la ma jidherx li l-kliem tal-ligi jistghu jigu varjati jew xort' ohra interpretati ghal skop ta' kwalifikazzjoni, l-appellanti jigi li ma kkonformatx ruhha kif trid il-ligi.

Ghal motivi kollha fuq migjuba, komprizi dawk stabbiliti mill-Arbitru fis-sentenza appellata, l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata, ikkonfermata. L-ispejjez jibqghu fic-cirkustanzi bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------